*Servizz Speċjali Sena Pawlina - 2*

# Ir-Rakkont ta' l-Istituzzjoni ta' l-Ewkaristija f'San Pawl



*kitba ta'* MONS. LAWRENZ SCIBERRAS

***Daħla***

**Pawlu kien fit-tielet vjaġġ missjunarju. Wasal Efesu. Kien madwar is-sena 54. Dam tlitt snin, sas-sena 57. Fis-sena 50, Pawlu diġà kien mar Korintu u waqqaf hemm komunità ta' nsara.**

F'Efesu bdew jaslu lil Pawlu aħbarijiet tassew koroh u ta' dwejjaq dwar l-insara ta' Korintu. Pawlu ma setax jibqa' indifferenti quddiem din is-sitwazzjoni, għalhekk iddeċieda li jikteb lil Korintin. Bażikament Pawlu ttratta dwar dawn il-punti.

(a) Pawlu bagħat skomunika kontra dak li kien jgħix mal-mara ta' missieru; (1 Kor 1,5).
(b) Il-proċess quddiem it-tribunali tal-pagani (1Kor 6,1-11).
(c) Iż-żwieġ u l-verġinità ( 1 Kor 7, 1-39).
(d) L-idoli u l-offerti għalihom (lKor 8,1-10,33).
(e) Kif iġibu ruħhom waqt il-laqgħat liturġiċi (1 Kor 11,2-14,40). Ma' dan il-materjal kollu Pawlu kiteb ukoll it-test sħiħ, ċar u qawwi dwar it-twaqqif ta' l-Ewkaristija.

***It-test ta' Pawlu***

**"Jien irċevejt mingħand il-Mulej it-tagħlim li għaddejt lilkom, jiġifieri li l-Mulej Ġesù fil-lejl li fih kien ittradut, ħa l-ħobż u wara li radd il-ħajr qasmu u qal: 'Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi'.**

**"Hekk ukoll għamel bil-kalċi wara li kiel u qal: 'Dan il-kalċi hu l-patt il-ġdid b'demmi; agħmlu dan kull meta tixorbu b'tifkira tiegħi'.**

**"Mela kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi" (1 Kor 11,23-26).**

***Kummenti***

Dan ir-rakkont ta' Pawlu, miegħu jaqbel ħafna dak ta' Luqa (22,14-22). Huwa meqjus bħala **l-eqdem wieħed dwar it-twaqqif ta' l-Ewkaristija.** Ir-rakkont ta' Pawlu dwar it-twaqqif ta' l-Ewkaristija huwa meqjus bħala forma stabbli, u li din kienet qed tiġi stabbilita fost l-ewwel komunitajiet nsara. Dan ir-rakkont ta' Pawlu u miegħu hemm is-Sinottiċi (Lq 22,14-22; Mk 14,22-25; Mt 26,26-29), imorru lura għall-ewwel snin tal-kristjaneżmu. Bejn dawn l-erba' rakkonti hemm xi differenzi żgħar; naturalment wieħed irid iżomm quddiem għajnejh lil min inkiteb dak it-test partikulari, minn idejn differenti.

Dan it-test iwassal għall-kuntest u r-rakkont storiku ta' dak li ġara fl-Aħħar Ċena fil-għorfa ta' fuq. Però hemm ukoll it-tqegħid taċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija mibdija minn Ġesù. Luqa huwa ċar u preċiż ħafna dwar il-ħerqa li kellu Ġesù li jagħmel l-aħħar ikla ma' l-appostli qabel ma jbati. "**Kelli xewqa kbira** li nagħmel din l-ikla ta' l-Għid magħkom qabel ma nbati" (Lq 22,15). U fir-realtà, din ix-xewqa Ġesù kompliha sa l-aħħar.

***Tifsir u ambjent tat-test***

Pawlu jiftaħ din is-silta bil-kliem **"Jien irċevejt minn għand il-Mulej"**. Tnejn huma l-interpretazzjonijiet għal dan il-kliem:

(a) Wara l-konverżjoni tiegħu f'Damasku, Pawlu mar fl-Għarabja fejn dam hemm tlitt snin (Gal 1,18). Matul dawn is-snin fejn kellu "rivelazzjonijiet" (Gal 2,2) u għalhekk bi probabbiltà kbira Ġesù nnifsu għarrfu bit-twaqqif ta' l-Ewkaristija. Din l-opinjoni żammha bis-sħiħ kollu San Ġwann Kriżostmu, dak il-qaddis li tant kien miġnun wara t-tagħlim ta' Pawlu u mbagħad ikkwotah fit-tagħlim lin-nies tiegħu fit-Turkija.

(b) Pawlu jgħid li "irċevejt" – mela dan il-kliem jiġi kklassifikat bħala tradizzjoni (*paradosis*) minn fomm għall-fomm. Pawlu kien studja fl-iskola rabbinika u jħaddem sew ukoll dan it-terminu. "Għaliex jien irċevejt (*parelabon*) mingħand il-Mulej dak li jien għaddejt (*paredoka*) lilkom" ( 1 Kor 15,1-3). Jista' jkun ukoll li b'dawn il-kelmiet Pawlu qed **jirreferi għat-tradizzjoni orali**. Dan ifisser li r-rakkont hu tradizzjoni li kien jiġi reċitat fil-laqgħat ta' l-ewwel komunitajiet nsara. U l-bidu ta' din it-tradizzjoni bir-*reverse*, tasal sa Kristu storiku. Naturalment din it-tradizzjoni minn Kristu għaddiet għand l-appostli li mbagħad komplew jgħadduha lil ta' warajhom.



Pawlu jgħid li hu rċieva t-tagħrif dwar l-Ewkaristija **"mingħand il-Mulej"** (1 Kor 11,13). Din l-espressjoni "mingħand" (*apo*) il-Mulej mhux neċessarjament tiġi meħuda biex tindika rivelazzjoni diretta dwar l-Ewkaristija mogħtija minn Kristu rxoxtat lil Pawlu, mingħajr ebda medjazzjoni. Kontra l-idea ta' rivelazzjoni diretta huwa l-użu tal-lingwaġġ tradizzjonali minn Pawlu.

**Jista' jkun ta' soluzzjoni l-fatt li Pawlu rċieva t-tradizzjoni permezz tal-bnedmin, imma li kellu wkoll l-interpretazzjoni tagħha direttament mill-Mulej. Il-komunikazzjonijiet li kellu Pawlu minn għand il-Mulej matul ħajtu kienu frekwenti ħafna.**

### *Aktar dettalji*

Pawlu jkompli jidħol f'aktar dettalji importanti: "il-Mulej Ġesù, fil-lejl li fih kien ittradut". Dan il-kliem juri li l-ikla li matulha Ġesù waqqaf l-Ewkaristija, wara li kien ittradut mar dritt għall-passjoni ( 1 Kor 11,20). Dan kollu jassigura li l-ikla tal-Mulej ikollha dejjem bħala kuntest il-passjoni u l-mewt u l-qawmien ta' Ġesù. L-evanġelji huma ċari fil-kontinwità u r-rabta ntrinsika li hemm bejn l-aħħar ikla ta' Ġesù u l-passjoni, mewt u qawmien tiegħu.

"Imbagħad kantaw is-salmi u ħarġu lejn il-għolja taż-Żebbuġ". (Mk 14,26). Issa mill-evanġelji kollha nafu sew fejn sar it-tradiment ta' Ġesù; fil-qasam jgħidulu Ġetsemani. Kien tassew lejl makabru, lejl ta' dwejjaq, lejl li matulu Ġesù ġie ttradut.

Mela għal Pawlu ma teżisti ebda għażla jew firda bejn l-ikla ta' Ġesù li għamel "fil-lejl li fih kien ittradut" u l-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu. Hekk tassew Ġesù vittma ingħata kollu kemm hu għall-fidwa tal-bnedmin. Però hawn Pawlu fehem jistieden lill-Korintin biex jaħsbu b'serjetà iktar fuq il-karattru sagru ta' l-Ewkaristija. Assolutament ma hemmx logħob ma' l-Ewkaristija. Ħalli naraw kemm dan huwa veru.

### *Liema huwa l-kuntest tar-rakkont ta' Pawlu?*

Biex nifhmu aħjar it-test ta' Pawlu dwar l-Ewkaristija, irridu naraw il-kuntest li fih Pawlu tkellem u kiteb lil Korintin dwar l-Ewkaristija. Pawlu f'1 Kor 11,17-22 jiġifieri qabel preċiż il-kliem tat-twaqqif ta' l-Ewkaristija ( 1 Kor 11,23-26), Pawlu jċanfar bis-sħiħ lil Korintin għad-diversi abbużi waqt l-ikla **agàpe** tagħhom (1Kor 11,17-22). **L-agàpe hija l-ikla ta' l-imħabba, ikla sagra, però mhix l-Ewkaristija.** Iżda l-Korintin, mill-mod kif kienu jagħmluha, dawn bidluha f'ikla profana, ikla ta' firda, ikla ta' tinġiż ta' aħwa lil xulxin. Kif kien isir dan!?

1 Kor 11,21: Min kien jasal qabel, bl-ikel li kien jieħu miegħu, kien jaqbad u jiekol kollox waħdu bla ma jistenna lill-oħrajn. (ara vers 33) Dawn kienu l-iktar il-ftit għonja li setgħu jaslu qabel għax ma kinux jaħdmu, u kienu jieħdu magħhom ħafna x'jieklu. Għonja huma! U żaqqieqa wkoll...

Imbagħad kienu jaslu l-foqra wara jum xogħol u jlaqqtu l-ftit ikel li kienu jsibu. Din żgur li ma kinitx laqgħa ta' l-imħabba nisranija agape b'tifkira ta' l-ikla ta' l-imħabba ta' Ġesù Kristu; pjuttost waħda ta' firda u tingiż il-qalb. Pawlu għalhekk idur fuq il-Korintin (v22) li riedu jieklu u jixorbu kemm jifilħu u jħallu l-oħrajn bil-ġuħ, kellhom jagħmlu dan f'darhom stess, u mhux imorru jagħmluh fil-ġemgħa ta' l-aħwa. Din ma kinitx imħabba *agape*, imma egoiżmu.

*(jissokta)*

